# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sbattax (17) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2014, fl-10.30am, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Publio Abdilla | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Abdilla kellu korrezzjonijiet u punti għall-arising u għaraf lill-kunsilliera fuq dawn il-punti wkoll.

## 3. Punti mill-Minuti

3.1 Il-kunsillier Publius Abdilla għamel punt qabel il-laqgħa li fil-passat, għal xogħolijiet simili, konna nuzaw il-ħaddiema tal-Kunsill [ref punt 3.2].

3.2 Is-Sindku qal illi l-problemi eżistenti fil-proġett ta' triq il-Kuċċard tfasslu wara li kien hemm nuqqas ta' konsultazzjoni bejn TM u l-Kunsill [ref punt 3.3]. Is-Sindku qal illi ltaqa mal-Perit il-ġdid u li ġab miegħu pjanta tat-triq. Is-Sindku żied illi hemm dis-livell ta' madwar metru u li nstab bir fuq l-għola

parti tat-triq. Żied illi kif ġej ix-xogħol kien se joħloq inkonvenjenza għar-residenti, u għal min juża t-triq regolarment u qal ukoll illi l-ispiżjar li għandu spi\erija fit-triq esprima l-ħsibijiet tiegħu li se jara telf ta' business jekk in-nies ma jkomplux jużaw it-triq kif inhi llum. Wara li sema l-opinjonijiet tar-residenti, is-Sindku qal illi l-problemi li se jinħolqu b'dan il-proġett huma:

- L-ilma li se tinzel mill-għellieqi u t-toroq ta' madwar triq Dun Karm Lia
- Telf ta' business għall-ispiżjar lokali peress illi se jkun hemm nuqqas ta' spazju fejn wieħed jista jipparkja u biex tidħol u toħroġ għal triq it-Tellerit.
- Telf ta' valur tal-propjeta fl-area
- Il-pjanta antika tindika li l-proġett se ssir bis-service road, meta fil-fatt din mhux se tkun il-kaz.
- Side roads se jkunu mimli traffiku [skond il-Viċi Sindku Johan Mula]

Il-Viċi Sindku staqsa x'inhuma l-alternattivi. Is-Sindku għamel 3 suġġerimenti. L-ewwel waħda kienet illi hemm għalqa tal-gvern fl-istess triq, u l-art tintuza biex isir triq illi ddur fil-fond. It-tieni suġġeriment kien illi x-xogħol jasal sa fejn instab il-bir u t-triq tiġi l-istess livell u 2-way. B'hekk xorta waħda se titwessa t-triq u anka f'kaz illi jipparkjaw karozzi hemmhekk, xorta waħda jkun hemm bizzejjed post biex jgħaddu 2 karrozzi. Suġġeriment ieħor kien biex jitqatta l-bir/ħofra/xelter/qabar. Il-Kunsill qabel illi fl-aħħar mill-aħħar huwa essenzjali li ssir service road. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq il-fatt illi dawn il-problemi kollha waslu minħabba biċċa ħofra fit-triq illi l-Ħeritage Malta qegħdin jgħidu li hija bir.
Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa l-iema għażla jippreferu r-residenti. Is-Sindku qal illi t-tieni suġġeriment hija l-għażla preferuta anka jekk ma ssirx service road. Żied illi għandna niġġieldu biex dan il-pjan isir. Il-kunsillier Carlo Stivala għamel talba biex il-kunsilliera jkunu updated.

3.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għamel żball fil-laqgħa preċedenti [ref punt 7.11] u qal illi m'għandna bzonn nirranġaw xejn. Qal illi hemm tabelli [vleġġa u 1 way] jidhru.

3.4 Is-Sindku qal illi sar il-manutenzjoni fuq il-bozoz [ref punt 7.12]

3.5 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi se tintuza post differenti għar-reenactment tad-dokumentarju [ref punt 3.5] u se jkolna nħalsu fee zgħir. Il-Kunsill se jkollu jikri libsa tal-Isqof u tas-servent tiegħu [il-Kunsill kien diġa qabel fuq dan il-ħlas f'laqgħa preċedenti]. Qal illi x-xogħol se jsir nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru.

3.6 Il-Viċi Sindku talab għall-aktar informazzjoni rigward il-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ [ref punt 5.8]. Is-Sindku qal illi dawn ħadu l-fondi u hemm 2 parteċipanti lokali biss. Se jagħmlu DVD fuq il-ħajja soċjali/immigrazzjoni.

3.7 Il-Viċi Sindku qal illi t-Treasure Hunt kien suċċess [ref punt 6.2] u li b'kollox ħadu sehem 22 tfal u kien hemm 5 timijiet. Is-Shield intrebħet mill-Kor Kreattiv. Irringrazzja lis-sur Saviour Sammut, is-sur Jorge Spiteri u s-sur Charles Fenech għall-għajnuna tagħhom, kif ukoll għall-għajnuna tat-18 il-helper li kienu f'lokazzjonijiet differenti mat-timijiet kollha. Żied illi l-parteċipanti kollha ħadu xi ħaġa magħhom dakinhar.

3.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi x-xogħol ma tkompliex [ref punt 7.10] ħdejn Misraħ il-Ħlantun.

## 4. Payment Approval Sheet

4.1 **WasteServ:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm ħafna kontijiet ta' Waste Serv għax għal xi raġuni l-kontijiet kienu qegħdin jinbagħtu lill-Kunsill tal-Imqabba u mhux lilna.

4.2 **Kotba:** s-Segretarju Eżekuttiv qal illi se nieħdu nofs il-pagament dovut għax-xiri tal-kotba [Memo 4/2014]

## 5. Attivitajiet tal-Milied

5.1 **Party tat-tfal**: Is-Sindku ssuġġerixxa li norganizzaw il-party tat-tfal nhar it-Tlieta 30 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

5.2 **Ikla tal-istaff:** Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku li l-ikla tal-istaff issir fl-istess ġurnata bħal party tat-tfal [30/12/2014]. Is-Sindku qal illi m'hemm xejn ikkonfermat izda li x'aktarx l-ikla ssir x'imkien f'MarsaXlokk.

5.3 **Ikla tal-anzjani:** Din se ssir nhar il-Ħadd 4 ta’ Jannar 2015.

5.4 **Milied Safi:** 13/12/2014 [fis-6.30pm] u 14/12/2014 [9.30am]. Is-Sindku qal illi għandna problema minħabba l-istands għax se jintuzaw l-Għammieri u tagħna mhumiex bizzejjed. B’hekk qal illi hemm bzonn illi nixtru 10 oħra, izda l-Kunsill se jixtri 10 bil-prezz li jinkrew 2. Il-kunsilliera qablu. Is-Sindku qal illi se naħdmu flimkien mas-sinjura Joyce Bonello u jixtieq jagħmel wirja ta’ karozzi [Mini’s] fit-13/12/2014. Qal ukoll illi nhar il-Ħadd se tagħlaq il-festa s-sinjorina Federica Falzon f’12pm. Il-kunsillier Carlo Stivala ssuġerixxa li nagħmlu billboard fejn l-ajruport. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan huwa mpossibli għaliex aħna ma nistgħux naqbdu u niddeċiedu fejn isiru posters u għalhiex m’hemmx bizzejjed ħin issa.

**6. Ambaxxatur taż-Żagħżagħ**

6.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi tkellem ma Luke Borg li huwa żagħżugħ mill-lokal u dan qal illi jitħajjar jieħu l-irwol t’ambaxxatur U18. Is-Segretarju Eżekuttiv se jibgħat lil Luke Borg.

**7. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill**

7.1 Is-Sindku qal illi l-impjegati kollha ħadmu sew u taw il-massimu. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-kunsilliera

7.2 Il-Kunsill qabel illi s-Segretarju Eżekuttiv jieħu l-massimmu P.B ta’ 10%

7.3 Il-Kunsill qabel illi l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-massimu P.B ta’ 6%.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

**Is-Sindku Francis Callus:**

8.1 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:**

8.2 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**Il-kunsillier Publius Abdilla [waqt telefonata mas-Segretarju Eżekuttiv qabel il-laqgħa]:**

8.3 Qal illi nqalet parti mill-isleeping policeman ta' triq Ta' Ġawħar [in-naħa ta' fuq]

8.4 Qal illi nqalet parti mill-isleeping policeman ta' triq San Ġwann.

**Il-kunsillier Carlo Stivala:**

8.5 Talab il-kooperazzjoni tal-Kunsill biex isiru 2 attivitajiet flimkien ma' Agones [duathlon u tellieqa tar-roti]. Id-duathlon se ssir fit-18 ta' Jannar 2015 u t-tellieqa se ssir fl-1 ta' Frar. Il-Kunsill qabel mal-proposti. Is-Segretarju Eżekuttiv se jikteb ittra [No Objection] għal dawn l-events. Il-Kunsill qabel ukoll mat-talba mas-sur Stivala biex l-events jispiċċaw fil-Pjazza. Il-Kunsill se jagħti tokens u m'hemmx għalfejn nagħlqu t-toroq [barra triq Carmelo Caruana]. Il-Kunsill se jibgħat talba lil Safi Aviation Park biex jibagħtu l-kuntrattur tagħhom biex inaddaf l-area qabel l-attivitajiet. Il-kunsillier żied illi s-sur Warren Muscat [Agones] għandu jibgħat il-posters.

**Il-Viċi Sindku Johan Mula:**

8.6 Qal illi hemm riħa qawwija ġejja minn propjeta privata f'triq San Tumas. Il-kunsillier Carlo Stivala kkonferma l-kaz u qal illi diġa marru rappreżentanti tas-sanita fuq il-post.

8.7 Qal illi hemm bozza f'triq id-Dolmen illi daqqa tixgħel u daqqa le. Qal illi x'aktarx hemm problema bit-timer.

8.8 Ressaq ilment illi rċieva rigward l-ammont ta' ġrieden illi hemm f'triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal illi din il-problema hija waħda nazzjonali. Żied illi nagħmlu valenu darbtejn jew tlieta fis-sena u li qegħdin jerġgħu jduru issa.

8.9 Qal illi residenti li għandhom garaxxijiet f’triq Rqajja qegħdin isibu diffikulta biex joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom peress illi hemm min qed jipparkja fuq iż-żewġ naħħat tat-triq. Is-Sindku qal illi min jgħix f’nofs tat-triq se jsib diffikulta u li se jmur fuq il-post biex jara jekk hemm bzonn illi ssir double yellow in-naħa l-oħra tat-triq.

**Is-Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard:**

8.10 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**9. Fuljett: Diċembru 2014**

9.1 Is-Sindku ppropona li ma noħorġux l-edizjoni li jmiss peress illi jħoss illi l-fuljett m’għandhiex tkun użat biex wieħed jattakka l-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jaqbel mas-suġġeriment tas-Sindku u li fil-passat il-fuljett ma ħariġtx qabel l-elezzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi issa wasalna f’sitwazzjoni fejn għandna ftehim mal-istampar u, barra li sar ix-xogħol biex il-fuljett joħroġ qabel il-Milied, xorta se jkolna nagħmlu pagament lill-istampar. Qal ukoll illi qatt ma sema bid-deċiżjoni li l-edizzjoni qabel l-elezzjoni ma ssirx u li f’Diċembru 2011 konna ħriġna fuljett bil-messaġġi tal-kunsilliera. Żied illi deċiżjoni bħal din kella ssir fil-fażi inizjali tax-xogħol izda qabel l-aħħar elezzjonijiet kienet ħarġet l-edizzjoni tal-fuljett ta’ dak iż-żmien.

9.2 Il-kunsilliera qablu li l-fuljett toħroġ, izda mingħajr messaġġi tal-kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi peress li kien talab kwota għal 32pgs, kif ukoll għal 24pgs, issa naħdmu fuq 24pgs.

9.3 Is-Sindku ppropona li minflok il-messaġġi personali, ikun hemm faċċata fejn il-kunsilliera jibagħtu l-awguri tagħhom, bħala grupp, lir-residenti. Il-kunsilliera preżenti qablu mas-suġġeriment.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil- ta’Diċembru .

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |